

# **Tiġdid** *il-ġrajja*

Dokumentazzjoni tar-restawr tar-rakkmu tal-ventartal prinċipali tal-artal maġġur tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp tal-Kalkara fuq sfond storiku

*Kitba u riċerka:* **Kav. Duncan Brincat**

*“Dak li pajjiż*
*jagħżel li jsalva*
*huwa dak li pajjiż*
*jagħżel li jgħid*
*dwaru nnifsu.”*

Mollie Beattie




*Survey Sheet 1927.*



# **Tiġdid** *il-ġrajja*

Dokumentazzjoni tar-restawr tar-rakkmu tal-ventartal prinċipali tal-artal maġġur tal-Knisja Parrokkjali ta’ San Ġużepp tal-Kalkara fuq sfond storiku

*Pubblikazzjoni*
**Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara VO/1440**
Mejju 2020

Rural Development Programme for Malta 2014-2020
Part financed by the European Union
Co-financing Rate:
75% European Union; 25% Government of Malta
*The European Agricultural Fund for Rural Development:*
*Europe investing in rural areas*

EU funds for Malta 2014 2020



*Ix-xatt tal-Kalkara fis-snin 30 tas-seklu 20.*



# Werrej


| | |
|---|---|
| Introduzzjoni | 5 |
| Il-Kalkara | 7 |
| Il-Binja tal-Knisja | 9 |
| Il-ventartal | 15 |
| Ir-restawr | 21 |
| Għeluq | 27 |


© Assoċjazzjoi Wirt il-Kalkara, 2020
Il-jeddijiet kollha miżmuma mill-awtur.



*Il-kampnar tal-Knisja mġarraf fil-gwerra. (Ħajr: War Damage Commission)*



# Introduzzjoni

Sa mit-twaqqif tagħha l-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara ħadmet u stinkat sabiex il-patrimonju storiku u artistiku ta' dan ir-raħal jiġi mhux biss preservat għall-preżent u l-ġejjieni, iżda fuq kollox jiġi preżentat lill-poplu tal-inħawi għall-apprezzament, l-għarfien u t-tgawdija tiegħu. Fuq kollox, poplu li ma jgħożżx l-istorja li sawwritu m'għandux identità b'saħħitha li tiksiblu dimensjoni aktar wiesgħa.

Dan il-ktejjeb li qed jasal f'idejkom huwa parti minn proġett li l-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara wettqet flimkien mal-Parroċċa San Ġużepp, bl-għajnuna finanzjarja tal-Programm LEADER tal-Unjoni Ewropeja. Il-proġett li applikajna għalih, u eventwalment ġejna mogħtija l-fondi, kellu t-titlu *Restoration of a Hand Embroidered Antependium* u jikkonsisti primarjament f'żewġ fażijiet.

L-ewwel fażi kienet dik tar-restawr ta' palla rrakmata li fl-imgħoddi kienet isservi bħala ċ-ċentru ta' ventartal artistiku tal-artal maġġur tal-Knisja Parrokkjali preċedenti. L-iskop kien dak li jsir restawr professjonali li għalih saret sejħa kompetittiva, sabiex aktar tard din l-istess opra artistika wirt il-Kalkara kollha tiġi eżebita fis-sala tal-Knisja Parrokkjali u b'hekk apprezzata matul is-sena kollha. It-tieni fażi kienet il-pubblikazzjoni ta' dan il-ktejjeb. L-għan prinċipali kien li mhux biss isir ix-xogħol ta' restawr, iżda bħala Assoċjazzjoni xtaqna li naqsmu l-istorja tal-ventartal imwaħħda ma' din tal-Knisja Parrokkjali preċedenti, kif ukoll l-informazzjoni dettaljata tar-restawr li sar. Nemmnu li apprezzament ta' biċċa xogħol tal-arti ma jkunx komplut jekk ma jkunx hemm tagħrif dwar l-istorja li sawritha, u għalhekk il-ħtieġa li jiġi ppubblikat dan il-ktejjeb.

Nittamaw li l-apprezzament ta' din l-opra tal-arti jwassal biex ngħożżu dak kollu li finalment jgħaqqinna bħala raħal.



*Il-Kalkara fis-snin 20 tas-seklu 20.*



# Il-Kalkara

Ir-raħal tal-Kalkara jinsab fir-reġjun tax-xlokk ta' Malta u għandu popolazzjoni ta' madwar 3,014. L-isem ġej mill-kelma Latina għall-ġir minħabba l-preżenza ta' kalkara tal-ġir sa minn żmien ir-Rumani, b'hekk il-motto *A Calce Nomen* u l-arma tal-lokal bħala skud aħdar maqsum fi tnejn: nofsu ikħal jirrappreżenta l-baħar u n-nofs l-ieħor deheb bi fjamma taqbad.

Il-Kalkara hija magħmulha minn żewġ peniżoli: dik tar-Rikażli, antikament magħrufha bħala *Punta Sottile* jew *Punta delle Forche* minħabba l-forka li kienet tingħata hemm, u dik ta' Bighi, antikament magħrufha bħala *San Salvatore* minħabba l-Knisja qadima li ġġib l-istess titlu. Huma tnejn id-daħliet li jiffurmaw il-Kalkara: dik tar-Rnella bl-isem ġej mit-Taljan *arenella* minħabba l-forma tagħha u li skont l-istoriku Ġan Franġisk Abela kienet tajba għall-għawm, u dik tal-Kalkara li antikament kellha diversi ismijiet fosthom *Porto del Infermeria*.

L-istorja tal-Kalkara hija mistura fil-passat glorjuż tagħha: il-preżenza ta' raddi tar-roti arkeoloġiċi fl-inħawi tat-Turretta, il-ħaġar Eġizzjan miġjub mill-Feniċi u misjub fl-inħawi ta' Bighi, u t-tħaffir ta' ipoġej Paleo-kristjani fl-inħawi tax-Xagħra ta' Santa Duminku. Barra minn hekk, l-ewwel Knisja tas-Salvatur ġiet mibnija qabel l-1487 u tindika l-preżenza ta' komunità fil-qrib, tgħix permezz tas-sajd u l-biedja. L-iżvilupp tal-Kalkara kiber fi żmien il-ħakma tal-Kavallieri u tal-Ingliżi, speċjalment bil-bini tal-fortifikazzjonijiet u l-Isptar Navali ta' Bighi. Saret parroċċa awtonoma fl-1897.

Il-Kalkara batiet il-qilla tat-Tieni Gwerra Dinjija, b'numru ta' mwiet u binjiet meqruda. Il-bini mill-ġdid tar-raħal wara l-gwerra wera s-saħħa ta' komunità biex tibda kollox mill-ġdid: il-Kalkara ġiet trasformata f'ġawhra tal-gżejjer Maltin.



Il-Knisja waqt ċerimonja taż-żwieġ fil-bidu tas-snin 40.



# Il-binja tal-Knisja

Nhar it-23 ta' Awwissu 1884 in-neguzjant Fortunato Gulia ppreżenta rikors fil-Kurja Arċiveskovili ta' Malta quddiem l-Arċisqof Carmelo Conte Scicluna biex jirregala parti mill-art propjetà tiegħu fil-Kalkara biex fuqha tinbena Knisja għall-użu tal-poplu tal-Kalkara u li setgħet isservi flok dik tas-S.S. Salvatur. B'digriet maħruġ fl-istess jum, l-Arċisqof aċċetta din it-talba, u ddelega lill-Primiċerju Kanonku Dun Ġużepp Azzopardi, Rettur tal-Knisja tas-S.S. Salvatur, bħala l-bniedem responsabbli mill-bini ta' din il-Knisja ġdida. Din id-donazzjoni ġiet milqugħa skont l-att maħruġ minn Nutar Giuseppe Rossi fl-24 ta' Awwissu 1884.

Minnufih, il-Kanonku Azzopardi fforma kumitat għall-binja tal-Knisja li kien kompost min-neguzjanti Carmelo Bugeja, Fortunato Gulia, Gio Batta Farrugia flimkien ma' Orazio Agius u l-avukat Dr. Paolo DeBono bħala Segretarju. L-Arċisqof approva dan il-kumitat b'digriet tat-13 ta' Settembru 1884.

Ġie mqabbad il-perit Guglielmo Attard, Inġinier tal-Ammiraljat, biex iħejji d-disinji għal din il-Knisja, liema xogħol huwa għamlu mingħajr ħlas. Minħabba li l-art li kien offra Gulia ma kienetx kbira biżżejjed, inxtrat biċċa art biswit li kienet propjetà tal-Kapitlu ta' Bormla. Għal dan il-għan u sabiex jinġabru l-fondi meħtieġa, il-Kanonku Azzopardi kera post fil-Kalkara stess mingħand is-Sur Spinocchio li fih beda jsir it-tejatrin u li ssemma' *Teatrino San Giuseppe*. Dak iż-żmien il-popolazzjoni tal-Kalkara kienet ta' madwar 900 ruħ jew 150 familja.

Ix-xogħol fuq il-pedamenti tal-Knisja l-ġdida beda fl-1887, filwaqt li sar mudell fiċ-ċokon tal-binja biex jintwera lin-nies. Ix-xogħol tal-pedamenti tlesta fi żmien sentejn, sabiex fit-22 ta' Ġunju 1890 fil-5.30pm tpoġġiet u tbierket l-ewwel ġebla. Għal din l-okkażjoni attenda



*Il-Kanonku Dun Ġużepp Azzopardi 1848-1913. (Ħajr: Fabian Mangion)*



*Dun Ġużepp Ciangura, l-ewwel Kappillan tal-Parroċċa l-ġdida tal-Kalkara, 1871-1931.*

l-Arċisqof Pietru Pace, li twassal f'karozza apposta u li ġie milqugħ b'ferħ kbir mill-Kalkariżi. Ġie armat tronett bis-sedja għall-Arċisqof u għall-okkażjoni nxtegħlu t-toroq bil-gass mis-Sur Cordina. Għal dakinhar il-kumitat stieden żewġ baned li esegwew programm tal-okkażjoni, filwaqt li nħarqu ukoll xi murtali. Il-kazzola li ntużat kienet inħadmet apposta fit-Tarzna ta' Malta, l-istess kazzola li mbagħad reġgħet intużat meta tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-Knisja preżenti.

Għalkemm il-poplu kien fqir, u l-bini tal-Knisja kien jiswa' ammont sostanzjali ta' flus, fl-1892 tfaċċa l-Kavallier Carmelo Bugeja, membru tal-kumitat, li tul is-snin kien benefattur importanti. Madankollu, saret ħidma minn diversi persuni oħra biex jinġabru l-flus meħtieġa, fosthom Vincenzo Borda li kien jieħu ħsieb il-ġbir minn fost il-Kalkariżi u Gio. Batta Borda li kien ta donazzjoni ta' £100 lill-Kanonku Azzopardi biex isir l-artal maġġur ta' din il-Knisja. Il-Kanonku Azzopardi ħareġ ukoll ħafna flus minn butu biex setgħet inbniet din il-Knisja, filwaqt li madwar £920 ġew mid-dħul taċ-Ċimiterju ta' Wied Għammieq.

Ix-xogħol tal-bini, li kien fdat f'idejn il-kumpanija F. Cilia & Co., tlesta lejn tmiem is-sena 1895 u għalhekk matul is-sena ta' wara bdiet tiġi arredata l-Knisja. Il-Knisja kienet twila 30.5metri (110pied), u kienet wiesgħa 20.5metri (67pied) b'10metri (32pied). F'Settembu 1896 beda jitqiegħed l-irħam, kif ukoll beda x-xogħol ta' dekorazzjoni u skultura fil-prospettiva fejn kellu jitqiegħed il-kwadru titulari. Din kienet qed issir minn ċertu Salvatore li wettaq diversi xogħlijiet oħra ta' skultura, fosthom iż-żewġ prospettivi tal-artali tar-Rużarju u tal-Kunċizzjoni, prospettivi

taʼ artali laterali oħra u 36 kapitell tal-kolonni. Sadanittant, f'Jannar tal-1897 bdiet iż-żebgħa taʼ xi ħitan tal-Knisja, filwaqt li kienet qed titkompla xi skultura minn ċertu Michele. L-invjatura tal-faċċata tal-Knisja bdiet fil-15 taʼ Mejju 1897, filwaqt li l-iskultura tagħha bdiet f'Lulju minn ċertu Michelino. Fl-istess waqt tqiegħed l-irħam tal-paviment tal-presbiterju u tas-sagristija mid-ditta Moschetti.

B'digiet tal-Arċisqof Pietru Pace maħruġ fl-10 taʼ Diċembru 1897, il-Kalkara ġiet iddikjarata bħala Parroċċa indipendenti, miftuma minn dik tal-Birgu. Ġiet iddedikata lil San Ġużepp, kif kienet l-intenzjoni sa mill-bidu taʼ dan il-proġett. Il-Kanonku Dun Ġużepp Azzopardi nħatar bħala Vigarju Kurat sakemm nhar it-8 taʼ Jannar 1898 ħa l-pussess bħala l-ewwel Kappillan tal-Parroċċa l-Kanonku Dun Ġużepp Ciangura. F'dan iż-żmien ukoll Dun Glivau inħatar Viċi Kappillan. L-ewwel magħmudija kienet taʼ Ġużeppa Attard li saret nhar il-15 taʼ Diċembru 1897, filwaqt li l-ewwel funeral kien dak taʼ Ġwanni Azzopardi fl-età taʼ 78 sena nhar it-13 taʼ Diċembru 1897.

Il-binja tal-Knisja issa kienet temporanjament mitmuma u għalhekk il-ħidma nfirxet aktar fuq l-akkwist taʼ opri importanti tal-arti fosthom pitturi u aċċessorji liturġiċi. B'digriet tas-6 taʼ April 1898 ġew imwaqqfa l-Fratellanzi tas-Sagrament, tar-Rużarju u taʼ San Ġużepp, bħala Fratellanza waħda taħt il-patroċinju taʼ San Ġużepp. Fl-istess sena waslet l-ewwel qanpiena f'din il-Knisja li kienet magħmula fl-1896 minn Ġulju Cauchi u li kienet tiżen 14-il qantar (ekwivalenti għal 1,111 kg) u 24 ratal (ekwivalenti għal 19 kg). Din swiet aktar minn £118, li £70 kienu



*Rendering diġitali tal-Knisja Parrokkjali preċedenti. (Xogħol taʼ Christian Mizzi)*



*It-tberik tal-ewwel ġebla tal-kampar fl-1923. (Ħajr: Anthony Balzan)*

nġabru mill-Kalkariżi waqt ġabra apposta. Ġew ukoll mixtrija l-artali meħtieġa, tant li fit-22 ta' Diċembru 1898 ġie mħallas il-marmista Mariano Russo għall-artal maġġur li sewa' iżjed minn £81 minħabba li kien magħmul minn irħam fin u kkulurit. Dan minbarra li l-istess marmista ħadem fl-irħam iż-żewġ artali tal-kappelluni, l-artal ta' San Filep, l-artal tal-Erwieħ tal-Purgatorju u l-kanċell li jdawwar il-presbiterju. Fil-bidu tas-seklu għoxrin ġie mżanżan pulptu tal-injam disinn ta' Giuseppe Decelis u xogħol ta' Giuseppe Gonzi.

Sadanittant, fl-1914 il-Kaptan Nicola Azzopardi ħalla fit-testment tiegħu l-wirt ta' £1000 lill-Knisja Parrokkjali tal-Kalkara bl-intenzjoni li jiġu mibnija ż-żewġ navi laterali. Madankollu, minħabba li kien għad fadal xi ħlasijiet x'jitħallsu fir-rigward ta' spejjeż tal-bini u aċċessorji, ġie deċiż li jitħallsu dawn flok isir il-bini tan-navi peress li l-perit sostna li dik is-somma ma kienetx biżżejjed.



*Dun Eleazzaro Balzan, it-tieni Kappillan, 1886-1949.*

Il-Knisja ġiet ikkonsagrata fit-30 ta' Jannar 1921 u hemm ġie deċiż li jinbena l-kampnar li kellu jakkumpanja din il-binja. Nhar il-Ħadd 1 ta' Lulju 1923 l-Arċisqof Dom Mauro Caruana bierek l-ewwel ġebla tal-kampnar li ma damx ma tlesta għax taw sehmhom fih diversi Kalkariżi. Għat-twettiq ta' dan il-proġett kienu saru diversi attivitajiet fosthom fiera kbira li għaliha kienet ħadet sehem il-banda *San Giorgio* ta' Bormla.

It-tieni Kappillan tal-Parroċċa tal-Kalkara kien Dun Eleazzaro Balzan li ħa l-pussess fil-5 ta' Lulju 1925. Huwa ħa ħsieb li ssir il-gallarija tal-orgni, fuq disinn ta' Giuseppe Decelis, li twettqet

fl-1933 permezz ta' digriet maħruġ fil-11 ta' Frar tal-istess sena. L-orgni kien kbir u sab postu fil-Knisja fl-1925 permezz ta' donazzjoni.



*Il-Knisja preċedenti kif kienet tidher mix-xatt tal-Kalkara.*

Meta fl-1939 faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija, il-Kalkara kienet destinata li ssofri bħall-bqija tal-pajjiż. Dak iż-żmien il-popolazzjoni kienet telgħet għal madwar 1700 ruħ. Seħħew diversi traġedji, ħallew ħajjiethom bosta Kalkariżi, iżda d-data tal-10 ta' April 1942 u l-ħin tal-5pm jimmarkaw l-assedju bil-bombi tal-għadu u t-twaqqiegħ kważi komplut tal-Knisja Parrokkjali tal-Kalkara. Dakinhar intilfu bosta opri fosthom l-istatwa titulari ta' San Ġużepp. Ġew salvati biss il-pitturi tal-Knisja li kienu ttieħdu Għawdex fuq struzjonijiet tal-Isqof Mikiel Gonzi li kien Kalkariż, u xi opri oħra li kienu maħżuna ġo armarju ġos-sagristija li kien imħaffer fil-blat. Mill-bqija ħerba sħiħa, u l-poplu Kalkariż kien safa' ltim mingħajr Knisja.



*It-tiġrif tal-Knisja. (Ħajr: War Damage Commission)*



*L-istatwa titulari ta' San Ġużepp, xogħol Wistin Camilleri fl-1921.*



# Il-ventartal

Hekk kif intemm il-bini tal-Knisja preċedenti, fl-1896 din bdiet tiġi dekorata b'opri tal-arti ta' natura varja. Il-bennejja tal-Knisja, id-ditta F.. Cilia & Co., ma' tmiem ix-xogħol iddeċidew li jirregalaw pittura ta' San Filep lil din il-Knisja peress li huma kienu minn Ħaż-Żebbuġ. Din il-pittura saret mill-pittur Żebbuġi Lazzaro Pisani u hija mfaħħra ferm għall-kuluri eżotiċi u d-dettalji tagħha. Fl-istess sena saru l-artal u l-pittura tal-kappellun tar-Rużarju mill-benefattur Antonio Bezzina bil-pittura li turi lil Madonna ta' Pompei xogħol Giuseppe Calì, l-artal u l-pittura ta' San Vinċenz Ferrer mill-benefattur Vincenzo Borda, u l-artal u l-pittura ta' San Franġisk mill-benefattur Tousants DeMaria. L-aħħar żewġ pitturi m'għandniex ħjiel tal-artisti li għamluhom.

Matul dan iż-żmien il-Kanonku Dun Ġużepp Azzopardi kien qed jagħmel ħidma u pressjoni kbira biex il-Kalkara tinqata' bħala Parroċċa awtonoma ddedikata lil San Ġużepp, u warajh kellu lill-poplu tal-Kalkara. Għalhekk fl-1897 huwa ordna l-ewwel statwa ddedikata lil dan il-qaddis, li aktar tard kellha ssir l-ewwel statwa titulari, mingħand l-istatwarju Etienne Puccini f'Toulouse fi Franza. Din l-istatwa kienet tat-terrakotta, kienet tirraffigura lil San Ġużepp qed iżomm il-Bambin f'idejh, dekorata bl-aktar mod rikk u swiet 400 Frank Franċiż. F'April tal-istess sena pedestall temporanju għal din l-istatwa ttieħed għand l-iskultur Abram Gatt biex issirlu xi skultura fuqu.

Sadattant, fl-20 ta' Ottubru nxtrat il-bieba tat-tabernaklu, filwaqt li fl-istess żmien ġew akkwistati xi karti tal-glorja, ħames pjaneti u tħallset pittura mpittra minn ċertu Abela. F'Novembru l-Kanonku Azzopardi kompla jieħu ħsieb jarma din il-Knisja, għoddha lesta b'dak kollu meħtieġ għar-riti sagri u ċelebrazzjonijiet oħra. Fl-10 tax-xahar inxtraw żewġ pjaneti, kif ukoll brukkat u gallun tad-deheb. Wara t-twaqqif tal-Fratellanza f'April 1898, sar l-istandard tal-Vjatku u bandalora żgħira



*L-ewwel statwa titulari ta' San Ġużepp maħduma Franza mill-istatwarju Etienne Puccini fl-1897.*

tad-Duttrina Nisranija. Sar ukoll standard prim abjad li nħit għand ċertu Vassallo. Minn din is-sena l-Kalkara kellha l-ewwel Kappillan tagħha, Dun Ġużepp Ciangura. Inxtraw sett ta' tlettax-il gandlier mill-Belt Valletta, u aktar tard fl-istess sena dawn ġew ibbanjati fil-fidda, filwaqt li ġie indurat ukoll il-pedestall temporanju tal-istatwa ta' San Ġużepp li issa kien tlesta minn Abram Gatt. Saru tużell u baldakkin li ġew meħjuta minn ċertu Fortunato, filwaqt li saru ukoll sett forċini u ġiet irranġata kamra fis-sagristija bħala maħżen għal dawn l-aċċessorji.

Fl-istess sena nħadmu ukoll il-bankun u l-bradell tal-kewba intersjata għal taħt l-istatwa ta' San Ġużepp. Din kienet se tkun l-ewwel festa titulari, iċċelebrata fit-tieni Ħadd ta' Lulju, u għalhekk inxtraw ukoll diversi aċċessorji oħra fosthom ostensorju tal-fidda, vetrina għas-sagristija, tnax-il salib għall-konsagrazzjoni eventwali tal-Knisja, seba' gandlieri żgħar, arloġġ u anki xi kappi. Inxtara ukoll il-fonti tal-Magħmudija skulturat fl-irħam flimkien ma' kuċċarun tal-fidda li jintuża għall-amministrazzjoni tal-istess sagrament. F'din is-sena tlestew ukoll diversi kwadri ta' pittura, l-iktar importanti dak titulari li juri l-patroċinju ta' San Ġużepp impitter minn Giuseppe Calì li huwa ffirmat bil-kontra bħala sinjal ta' protesta li diversi knejjes kienu qed jippreferu jaħdmu għand artisti barranin li jitħallsu inqas. Dan il-kwadru kien sewa' £27. Madankollu, waslu ukoll diversi xogħlijiet tal-pittur Taljan Filippo Fortunato Venuti, fosthom dak tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-kappellun, ta' San



*Il-purċissjoni fi Triq ir-Rnella matul waħda mill-ewwel festi titulari ta' San Ġużepp.*





*L-artal maġġur u l-artal tal-Erwieħ tal-Purgatorju armati għall-festa ta' San Ġużepp. Il-palla rrakkmata tal-ventartal prinċipali tidher fiċ-ċentru tal-ventartal tal-artal maġġur.*

Pietru u San Pawl fil-kor, ta' Marija Annunzjata, Sant' Antnin, Sant' Anjeże, San Fortunato u tal-Erwieħ tal-Purgatorju. Dan tal-aħħar għandu mpittrin fuqu ż-żewġ tfajliet ta' ċertu Fabri mill-Kalkara li kienu mietu ta' età żgħira.



*San Filep, impitter mill-artist Żebbuġi Lazzaro Pisani.*

Mill-Italja, mingħand id-ditta Gio. & G. Fratelli Bertarelli li kellha s-sede prinċipali tagħha f'Milan, inġiebu diversi aċċessorji tal-fidda, fosthom il-ġilju tal-fidda tal-vara titulari li kien regalat minn Nicola Cachia fl-1899, il-lampier, bieba għat-tabernaklu tal-artal maġġur, salib, umbrella għall-vjatku u tużell żgħir arġentat. Għal dawn l-ispejjeż saru xi kontribuzzjonijiet liberi minn xi benefatturi. Sadanittant, qabel il-festa, saret l-induratura tal-



*Il-fdalijiet tal-istandard irrakmat tal-Fratellanza.*

istatwa titulari ta' San Ġużepp għand l-induratur Giorgio Schembri.

Il-Kappillan Ciangura ħa ħsieb li jiġu ordnati diversi opri u aċċessorji oħra fejn jidħol rakkmu u xogħol ta' drapp mingħand id-ditta Taljana Alessandro de Signi. Fost dawn l-aċċessorji nsibu apparat sagru bħal pjaneti u tuniċelli, brukkat fjurit għat-tużell, satin fjurit, frenża, damask għall-ventartali u kappi, u brukkat għall-baldakkin.

Mingħand l-istess ditta Taljana ġie ordnat ukoll ventartal rikk, jew aħjar il-parti ċentrali rrakmata tal-ventartal tal-artal maġġur, magħrufa bħala palla rrakkmata tal-ventartal. F'dan il-ventartal il-figura ċentrali hija l-ħaruf, simbolu tal-Ewkaristija mqaddsa, ċertament bl-għan li jintuża mhux biss għall-festa titulari, iżda ukoll fil-festi tal-Ewkaristija. Sfortunatament xejn ma nstab dwar min kien id-disinjatur tiegħu.




*It-tqassim tal-artali fil-Knisja Parrokkjali preċedenti.*

Għall-festa tal-1899 ġie mżanżan ir-relikwarju prim tal-fidda indurat bid-deheb li ġie mħallas nofsu minn benefattur, filwaqt li għall-bidu tas-seklu għoxrin ġiet imżanżna l-ġilandra ndurata bid-deheb xogħol Giuseppe Gonzi (1902), u żewġ statwi tal-

Madonna ta' Lourdes u ta' Marija Addolorata rispettivament.


L-artal maġġur armat fil-festa ta' Corpus fil-bidu tas-seklu 20.

Fl-1921 saret statwa titulari ġdida ta' San Ġużepp li turi l-patroċinju tiegħu fuq il-Knisja Kattolika. Din ħadimha fil-kartapesta l-iskultur Għawdxi Agostino Camilleri u ġiet mgħotija lill-Parroċċa mill-każin *Circolo San Giuseppe* fl-istess sena. Sadattant, fl-1922 ġie mbierek l-artal ta' Marija Addolorata u l-pittura tiegħu saret minn Ramiro Calì. Fl-1932 saru xi modifiki fil-pedestall tal-istatwa ta' San Ġużepp permezz ta' digriet maħruġ nhar it-12 ta' Diċembru 1931, li swew £30 u li nġabru bejn il-Kalkariżi. Dan wara li fl-istess perjodu din l-istatwa ġiet mgħotija s-salib pettorali ta' Mons. Ġużepp Ciangura li ħallieh b'wirt wara mewtu.


Mons. Mikiel Gonzi 1885-1984.

Kważi l-opri tal-arti kollha li kienu miżmuma fil-Knisja ġew meqruda totalment fl-attakk tal-għadu matul it-Tieni Gwerra Dinjija nhar l-10 ta' April 1942. Madankollu, fortunatament, iċ-ċentru tan-nofs jew palla rrakkmata tal-ventartal tal-artal maġġur ġiet salvata għax kienet maħżuna ġewwa alkova fil-blat li kienet tinsab fis-sagristija tal-Knisja. L-istess xorti tajba messet lill-ġilandra u wieħed mill-gandlieri tal-artal maġġur.



*Waqt it-trattament tal-ħsarat fid-drapp tal-ħarir.*



# Ir-restawr

Il-konservazzjoni u r-restawr tal-ventartal tal-artal maġġur li juri 'Agnus Dei' u li jinsab miżmum fil-Knisja Parrokkjali tal-Kalkara ddedikata lil San Ġużepp, ġie mitmum matul ix-xahar ta' Frar 2020 mill-kumpanija privata Atelier del Restauro, magħżula wara sejħa pubblika li saret mill-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara matul ix-xhur ta' Ġunju u Lulju 2019.

Il-ħidma kienet tikkonsisti billi tingħata kura lill-valur artistiku ta' din l-opra tal-arti kif ukoll lill-materjali li jsawruha. Dan wassal għall-ħtieġa ta' approċċ xjentifiku u metodoloġiku għall-konservazzjoni u r-restawr ta' dan l-artefatt. Il-proġett kien immexxi minn Dr. Maria Grazia Zenzani u s-Sa. Valentina Lupo.

### It-teknika tal-manifattura

Din l-opra tal-arti hija ventartal maħdum fl-Italja minn Alessandro de Signi fl-1898. Il-ventartal huwa magħmul minn drapp minsuġ tal-ħarir, li jerġa' minsuġ ma' ħjut tal-fojl tal-fidda b'rakkmu fiċ-ċentru magħmul minn ħjut tal-metall b'qalba tal-karti tirrappreżenta 'Agnus Dei' fi gwarniċ fjurit. L-artefatt ġie mmuntat f'qafas tal-injam permezz ta' perimetru tal-imsiemer u kellu kisja bajda li kienet imwaħħla mal-gwarniċ stess. Id-dekorazzjonijiet tal-ħajt tal-metall ġew magħmula permezz ta' tekniki differenti u b'tipi varji ta' ħajt, sabiex tinħoloq varjazzjoni fil-luminożità minħabba rifrazzjoni differenti.

### L-istat ta' Konservazzjoni fil-qosor

Il-ventartal ma kienx f'kundizzjoni tajba ħafna billi kellu ħsara li kellha x'taqsam kemm mal-użu kif ukoll ma' fatturi ambjentali. Dawn tal-aħħar kienu jinkludu l-esponiment għad-dawl, trab, tibdil fit-temperaturi u l-umdità. L-effetti ħżiena tad-dawl wasslu biex id-drapp tal-lama jidgħajjef, filwaqt li l-immaniġġjar tiegħu kkawża

d-deterjorament u t-tqaxxir tal-ħarir tal-lama tul il-perimetru.



Osservazzjoni tal-istat tal-ventartal.

Permezz ta' osservazzjoni kemm viżwali u anki permezz tal-id, instab li d-drapp irqiq tal-ħarir huwa fraġli ħafna. Il-fibra tal-ħarir hija meqjusa li għandha l-inqas reżistenza tal-fibri kollha għad-dawl ultravjola magħrufa bħala *photo degradation*. Waħda mir-raġunijiet li l-ħarir hija l-iktar fibra fraġli taħt id-dawl hija l-fatt li hija l-ifjen fibra naturali. Instabu serje ta' qtugħ u tiżrit, u saff fin ta' trab li ħammeġ il-kuluri oriġinali tad-drapp u r-rakkmu.

**Fażijiet ta' restawr u proċeduri tekniċi**

## Żarmar

L-ewwel operazzjoni li saret kienet it-tneħħija ta' kull musmar li kien jinsab madwar il-perimetru tal-ventartal, u dan sabiex ma jkunx kompromess iżjed l-istat ta' konservazzjoni tad-drapp.



Dettall mill-ventartal li juri l-ħsarat preżenti fid-drapp tal-ħarir li jsawru.

## *Dry Cleaning*

Ix-xogħol kollu sarlu *dry cleaning* minn quddiem u minn wara permezz ta' *vacuum cleaner* ta' qawwa baxxa li tuża xbieki tal-filtru biex tipproteġi d-drappijiet.

## Vaporizzazzjoni

Saret vaporizzazzjoni abbundanti fuq il-wiċċ kollu sabiex terġa' tiġi stabbilita l-idratazzjoni u l-elastiċità naturali tal-fibri.

## Tneħħija tat-tbajja

Sar tentattiv fuq it-tbajja permezz ta' tindif mekkaniku u solventi (alkoħol, *ligroin* u aċetun). Ir-riżultat finali kien li t-tbajja tal-ilma l-kbar iċċaraw xi ftit bl-applikazzjoni ta' ilma u surfattant (*saponin*).



*Dettall waqt il-proċess tad-dry cleaning.*

## Tindif

L-uċuħ kollha tal-metall tad-deheb kienu trattati b'mod mekkaniku bis-suf tal-qoton imxarrab fil-*ligroin*. It-trattament, minbarra li neħħa ħafna mill-ossidazzjonijiet, sarraf f'uċuħ aktar ileqqu, speċjalment dawk li hima rrumblati-ċatti.

## Konsolidazzjoni

Il-qatgħat kollha ġew konsolidati biilli tpoġġew biċċiet ta' velu ta' Lyon miksi bir-reżina fuq quddiem u wara ta' din l-opra. Il-perimetru ġie kkonsolidat fuq appoġġi ttrattati bir-reżina Beva 371 O.F 65 li ġie mqiegħed fuq wara tax-xogħol. Hawnhekk, il-medd kollu ġie ordnat u mqiegħed lura f'postu bl-applikazzjoni tas-sħana kkontrollata.



*Waqt il-proċess tat-tindif u ċ-ċarar tat-tbajja li saru mill-ilma.*

## Immuntar

Bi ftehim mal-Parroċċa u l-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara, u għal raġunijiet ta' integrità fil-konservazzjoni, ġie deċiż li jinbidel l-qafas tal-injam b'pannelli tal-polikarbonat. Il-wiċċ ta' quddiem tal-pannelli ġie miksi b'tessut tal-ħarir bl-istess tonalità ta' kulur bħall-isfond tal-oriġinal. Ix-xogħol ġie mqiegħed permezz ta' ħjut imqiegħda



*Dettall tal-konsolidazzjoni tal-perimetru.*

f'korrispondenza maż-żewġ ġonot li jgħaqqdu d-drapp oriġinali u, fiż-żona ċentrali, b'ħjut li jsegwu l-linji vertikali tar-rakkmu.

Il-perimetru ngħalaq 'il ġewwa b'madwar nofs ċentimetru ta' spazju fit-tarf tal-pannelli biex jitnaqqas ir-riskju u ma jerġax iġġarrab xi brix permezz ta' għorik mal-uċuħ. Fl-aħħarnett, biċċa drapp żejda ġiet meħjuta fuq il-parti ta' wara ħalli tgħatti l-pannelli.

## Suġġerimenti għall-konservazzjoni korretta tal-ventartal

Sabiex il-ħidma li saret tinżamm f'kundizzjoni tajba fil-ġejjieni, huwa rrakkomandat li l-ventartal jinżamm f'temperatura kostanti (bejn 18°C u 22°C) u f'kundizzjonijiet ta' umdità kkontrollata (50-60%).

Huwa rrakkomandat ukoll li dan ix-xogħol ma jitqiegħedx viċin sorsi ta' sħana, li jiġi evitat esponiment dirett għax-xemx u biex wieħed jieħu ħsieb li l-kamra/maħżen fejn ikun se jitpoġġa ma tkunx suġġetta għal infiltrazzjoni tal-ilma.



*Dettall waqt il-ħjata tar-rakkmu.*

Hija prassi tajba wkoll li dan ix-xogħol jinżamm taħt kontroll sabiex wieħed jinduna mal-ewwel bi problemi jew ħsara li tkun qed issir.

Għal konservazzjoni fit-tul tal-ventartal huwa rrakkomandat li ssir manutenzjoni regolari tax-xogħol, għalhekk huwa rakkomandat li jsir tfarfir fuqu kull sena u vaporizzazzjoni kull 3-4 snin. Meta ma jintużax, il-ventartal irid jiġi mgħotti bi

drapp tal-qoton jew bjankerija. M'għandux jiġi mgħotti bi plastik jew materjal simili ħalli tiġi evitata l-kondensazzjoni u konsegwentement moffa u bijofilm.



*Il-ventartal wara l-konservazzjoni.*

*Oġġett:* Ventartal
*Manifattura:* Taljan – Alessandro de Signi
*Perjodu:* Seklu XIX - 1898
*Materjal:* Ħarir u ħajt tal-metall tad-deheb u tal-fidda
*Daqs:* 80.5ċm x 161ċm

*Din l-informazzjoni ġiet miġbura minn Atelier del Restauro, u hija silta mir-rapport finali li ġie maħruġ.*



*L-inżul tal-qniepen mill-kampnar imġarraf. (Ħajr: il-familja ta' Emanuel Borg)*



# Għeluq

L-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara temmen bis-sħiħ li l-iżvilupp ta' raħal u territorju ma jistax ikun komplut jekk ma jinkludix fih iż-żamma u l-konservazzjoni ta' dak li sawwar lill-istess raħal matul ir-radda taż-żminijiet.

Ir-raħal tal-Kalkara mhux eċċezzjoni. Fl-aħħar seklu seħħew żviluppi kbar li biddlu l-għamla tiegħu: bini ġdid, toroq mal-medda kollha, u saħansitra negozji u industriji li sabu ruħhom f'din l-art. Dan biex ma nsemmgħux iż-żieda fil-popolazzjoni, id-diversifikazzjoni tagħha u anki l-mod ta' kif il-poplu jħares lejn din iż-żona. Anzi, wieħed jazzarda jgħid li fil-Kalkara seħħew żviluppi esponenzjalment kbar ħafna meta nqisu dak li ġarrbet minħabba t-Tieni Gwerra Dinjija.

Ma nistgħux inħarsu biss lejn l-imgħoddi b'mod nostalġiku, u forsi anki melankoniku. Kull żmien fih l-istorja u l-bixra waħdiena tiegħu, iżda kull żmien irid jiftakar li huwa msejjes fuq dak li ġie mibni qabel. Għaldaqstant, għandu jkun hemm rispett minn kull ġenerazzjoni għal dak li għamlu l-ġenerazzjonijiet ta' qabel. Fejn tidħol il-Kalkara, dan jgħodd kemmxejn iżjed, anki għaliex il-binja ta' komunità b'saħħitha kellha sseħħ aktar minn darba minħabba dak li ġarrbet matul iż-żmien.

B'dan f'moħħna sar dan il-proġett ta' restawr u konservazzjoni: biex ngħożżu dak li ħallewlna missirijietna, nieħdu ħsiebu għal ġenerazzjonijiet futuri, u nesponuh qalb dawk preżenti f'dan ir-raħal u t-territorju kollu.



